**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 ta' Gunju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**Jonathan Baldacchino**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra;

Talli:

1) B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi felez, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' iktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu ta' Paul Nice;

2) U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess, skritturi jew kitba falza.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi u x-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-10 ta' Mejju 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation ma giex ippresentat ghar-raguni li l-imputat naqas milli jattendi mal-istess Ufficjal, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal erba' snin prigunerija bir-rakomandazzjoni li jinzamm fit-Taqsima Forensika ghall-programm ta' riabilitazzjoni tad- droga.

Tordna lill-imputat ihallas lil Paul Nice is-somma ta' erba' w hamsin elf Ewro (€54,000.00) dovuti bhala dejn civili, ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**